MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2011

Rikors Numru. 223/2011

**A sive B C**
**vs**
**D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent li permezz tieghu r-rikorrent pprezenta u talab hekk:

Illi l-partijiet izzewgu nhar s-27 ta' Ottubru 1977 u dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal, illum maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Marco Burlo' mill-erbgha (4) ta' Novembru ta' l-elf disa' mija u disgha u disghin (1999) (Ara Dok. B);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* illi minbarra li ilhom tnax-il sena

mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni ohrajn;

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju favur l-ulied *stante* li l-ulied huma kollha maggorenni u 'l fuq minn tlieta u ghoxrin sena;

Illi skond l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali (Ara Dok B, Klawsola 2) ir-rikorrent huwa douvt ihallas manteniment ghal martu s-somma ta' tlett mija u disghin Lira Maltin (Lm 390) ekwivalenti ghal disa' mija u tmien euro u hamsa u erbghin centezmi (€908.45c) fix-xahar u s-somma ta' erba' mitt Lira Maltin (Lm400) ekwivalenti ghal disa' mija u wiehed u tlettin euro u erbgha u sebghin centezmi (€931.74c) fis-sena u huwa qatt ma kien inadempjenti u dejjem hallas il-manteniment dovut (Ara Dok C);

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant ir-rikorrent, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja d-divorzju ossia l-hall taz-zwieg bejniet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien specifiku u indikat mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat l-att tal-kawza;

Semghet il-partijiet bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, tilqa’ t-talbiet tar-rikorrent; u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet; u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------